**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 350/2021 RM**

**SSL Scaffolding Limited (C 50989)**

**-Vs-**

**Carmel Chircop u b'digriet mogħti fis-17 ta' Frar 2022 ġiet imsejħa fil-kawża Faceworks Limited**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn SSL Scaffolding Limited fir-Reġsitru tal-Qorti fis-17 ta' Diċembru 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erbatax-il elf, erbgħa mija u tleta u erbgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€14,443.90), rapprezentanti l-valur ta' ħsarat, ossija danni, li ġew ikkaġunati fl-*iscaffolding,* proprjeta' tal-kumpanija attriċi, fl-2020 ġewwa sit ta' kostruzzjoni ġewwa l-Iklin, waqt l-ezekuzzjoni ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni li kienu qiegħdin isiru fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu;

Bl-ispejjez, inkluż tal-ittra legali (DOK. A) tal-4 ta' Mejju 2021, tal-ittra uffiċjali (DOK. B) tad-9 ta' Ġunju 2021, ossia ittra uffiċjali numru 2362/2021 u tal-mandat ta'

sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Carmel Chircop fis-16 ta' Frar 2022 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Għalkemm huwa minnu illi l-iscaffolding kien stazzjonat fil-proprjeta' tieghu, madanakollu huwa ma jahtix ghad-danni li talvolta setghu gew ikkagunati lill-istess makkinarju. Fi kwalunkwe kaz ghandha tigi kjamata fil-kawza is-socjeta' Faceworks Limited (C45739) li kienu qeghdin jahdmu fuq is-sit ta' kostruzzjoni fuq istruzzjonijiet tal-espoenti.*
2. *Fi kwalunkwe kaz, il-kumpanija rikorrenti trid taghmel il-prova tad-dannu subiti.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet mogħti fis-17 ta' Frar 2022 fejn laqgħet it-talba tal-konvenut fir-Risposta tiegħu biex tiġi msejħa fil-kawża s-soċjeta' Faceworks Limited;

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' Faceworks Limited ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2022 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi s-soċjeta' rispondenti Faceworks Limited mhijiex responsabbli għal kwalsijasi danni li qed tallega li sofriet is-soċjeta' rikorrenti SSL Scaffoldings Limited.*
2. *Illi sussidjarjament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghas-sueċċepit, id-danni reklamati huma eċċessivi u eżaġerati.*
3. *Illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti in kwantu dedotti fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Faceworks Limited huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu miċhuda bl-ispejjez.*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2025;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' danni sofferti b'riżultat ta' ħsara kkaġunata fi scaffolding tas-soċjeta' attriċi.

Mill-fatti li jirriżultaw mill-atti u mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi kienet ġiet inkarigata tarma scaffolding fis-sit tal-konvenut Carmel Chircop ġewwa l-Iklin. Dan is-sit, li huwa attigwu għall-proprjeta' ta' terzi ġia' mibnija, kien jikkonsisti f'massa ta' blat bejn sitta u tmien metri għoli, b'diżlivell korrispondenti bejn dan is-sit u l-art tal-fond attigwu (fuq in-naħa rilevanti għal dan il-każ), ħlief għal parti dejqa li tinsab fuq il-konfini mal-proprjeta' tal-ġar u fl-istess livell. Din il-massa tal-blat fis-sit tal-konvenut kellha titqatta' biex tinġieb kollha invell mas-sit tal-ġar u fl-istess livell tat-triq[1], u l-kuntrattur li ġie imqabbad mill-konvenut biex iħaffer u jqatta' l-blat kien is-soċjeta' msejħa fil-kawza Faceworks Limited.

Kien ġie mħejji u sottomess lill-awtoritajiet kompetenti *Excavation Method Statement* (Dok. KV2) li fih saret riferenza għall-eżistenza ta' diversi konsenturi fil-blat li kellu

[1] Ara xhieda tal-Perit Kyle Vella u survey report Dok. AG1.

jitqatta', il-metodu tal-iskavar li kellu jiġi implimentat u l-għodda li kellhom jintużaw fi stadji differenti tat-tqattigħ, biex jiġi evitat li l-blat jaqa' fuq il-proprjeta' tal-ġirien[2].

Il-Perit Kyle Vella, li kien wieħed mill-periti tal-proġett maħtura mis-sid tal-art, Carmel Chircop, kien ta struzzjonijiet speċifiċi lill-istess konvenut u lill-kuntrattur tal-iskavar, Faceworks Limited, dwar dak li kien meħtieġ li jsir fis-sit minħabba n-natura tal-blat u r-riskju elevat li xi blat jaqa' fil-proprjeta' tal-ġar: dawn l-istruzzjonijiet jinsabu indikati f'*email* li ntbagħat mill-istess Perit lil "Charlie Chircop" fid-29 ta' Lulju 2020, liema korrispondenza ġiet ikkuppjata ukoll lil Etienne Mallia, id-direttur tas-soċjeta' Faceworks Limited:-

"*Following a site meeting with the STO and Mr. Mallia, it was noted that the rock is frail and is all fissured. Due to the villa on the right is located around 6m lower than the top most level that is to be excavated and it could be noted from the part that is currently excavated, that the fissures and inclined towards it, there is a very high risk of rock to fall, which from that height will do considerable damage to the third parties.*

*It was agreed that the best line of action would be to erect a scaffolding in the neighbours villa, which will be bolted to the rock to be excavated and be dismantled along with the excavation.* ***This will prevent any falling rocks into the neighbours property, and minimise the damages****.*"[3] (enfasi tal-Qorti)

Id-deċiżjoni li jiġi armat scaffolding ittieħdet fid-29 ta Lulju 2020 u d-direttur tas-soċjeta' Faceworks Limited, Etienne Mallia, kien avviċina lis-soċjeta' attriċi SSL Scaffolding Limited għan-nom tal-konvenut Carmel Chircop, biex tipprovdi u tarma l-istruttura tal-iscaffolding fuq is-sit.

Id-direttur tas-soċjeta' attriċi, Daniel Montebello, kien mar jara s-sit qabel l-iscaffolding ġie istallat u hemmhekk, kien iltaqa' mal-foreman ta' Faceworks Limited,

---

[2] Ara paġna 126 tal-atti tal-kawża.
[3] Dok. KV4.

Cleaven Fenech li kien spjegalu l-ħtieġa li jintrama scaffolding fuq is-sit bħala lqugħ għall-protezzjoni tal-fond tat-terz minħabba x-xogħol tat-tqattigħ tal-blat li kien qed isir fis-sit tal-konvenut. Dak iż-żmien, il-blat kien diġa' qed jiġi mqatta'[4], għad illi kien fadal ħafna iktar x'jitneħħa, u kien hemm l-inġenji tat-tqattigħ fuq is-sit. Abbażi ta' din l-ispezzjoni, is-soċjeta' attriċi talbet il-prezz ta' €5,000 għall-armar u kiri tal-iscaffolding fis-sit.

Fit-30 ta' Lulju 2020, l-*Excavation Method Statement* ġie emendat biex jinkudi l-istallazzjoni ta' scaffolding:

"*<u>Method A</u>: Due to the neighbouring property on the right (when looking from Triq il-Wied) is situated much lower than the rock to be excavated, a scaffolding with hoardings is to be erected in the third party property (agreement between both parties) on the right-hand site,* ***and bolted in the rock that is to be excavated. This will prevent any debris from falling in third party property <u>and prevent damages</u>***."[5] (enfasi tal-Qorti)

Hemm qbil li l-iscaffolding kien intiż mhux bħala skalar jew pjattaforma għall-użu tal-ħaddiema, iżda bħala lqugħ biex jipproteġi l-proprjeta' tal-ġar u biex jilqa' għall-ħsarat li setgħu jiġu kkaġonati lil terzi matul il-proċess tat-tqattigħ ta' blat li kien qed isir fis-sit tal-konvenut.

Jirriżulta wkoll illi orġinarjament, in segwitu għall-*Excavation Method Statement* tat-30 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' attriċi armat l-istruttura tal-iscaffolding fuq il-konfini tas-sit tal-konvenut li tiġi fl-istess livell tal-proprjeta' tal-ġar, liema struttura ntramat sa ċirka żewġ metri iktar mill-ogħla livell tas-sit tal-konvenut.

---

[4] Ara xhieda ta' Daniel Montebello, 19 ta' Ottubru 2023, u skambju ta' emails esebit minn Kyle Vella, il-Perit tal-proġett li fix-xhieda tiegħu (22 ta' Jannar 2024) ikkonferma wkoll li f'dak l-istadju l-blat kien diġa' beda jitqatta' u kien għalhekk li ġew identifikat l-fissuri fil-blat li kienu indikazzjoni li seta' jaqa' xi blat għand il-ġar.

[5] Dok. KV5. Innota li l-iskop tal-iscaffolding kien li jiġu preventi, mhux sempliċement minimizzati, id-danni lil terzi.

Fis-7 ta' Awwissu 2020, inqalgħet blata kbira waqt li kien qed jitqatta' l-korp tal-blat fis-sit tal-konvenut, liema blata waqgħet u laqtet l-iscaffolding li ġie armat mis-soċjeta' attriċi. Din il-blata ddanneġġajt ukoll il-ħajt diviżorju fil-proprjeta' tal-ġar. L-iscaffolding tas-soċjeta' attriċi ukoll ġarrab il-ħsara.

In segwitu għall-inċident tas-7 ta' Awwissu 2020, sar addendum[6] lill-*Method Statement* tat-30 ta' Lulju 2020 fejn ġie osservat illi **l-iscaffolding ma kienx ġie marbut mal-blat skont kif kien ġie rakkomandat fil-Method Statement preċedenti**, u fejn ġew elenkati l-miżuri meħtieġa għar-rinforzar tal-istruttura tal-iscaffolding eżistenti "*to withstand any forces from falling rocks and prevent falling rocks to go beyond*"[7]. Is-soċjeta' attriċi ġiet mitluba ssaħħaħ u tirrinforza l-iscaffolding eżistenti u in segwitu, fuq struzzjonijiet tal-Perit tal-proġett, l-istruttura intramat ukoll fl-art tas-sit tal-ġar. Da parti tagħha, is-soċjeta' attriċi ipprovdiet rapport, redatt mill-Inġinier Mario Magri, datat 19 ta' Settembru 2020, li kkonferma li l-istruttura kif rinforzata setgħet tiflaħ għal impatt ċentrali b'forza massima ta' 5,000 kilogramm[8]. Għal dan l-appalt addizzjonali, is-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas ta' €5,000 oħra.

Il-prezz mitlub mis-soċjeta' attriċi għall-armar u kiri tal-iscaffolding, fis-somma komplessiva ta' €10,000, kien ġie mħallas mis-sid tal-art, il-konvenut Carmel Chricop u l-ammont kien tħallas *in toto*. Dan mhux kontestat u skont kif jirriżulta minn *screenshot* esebit mill-konvenut (Dok. CC1), is-soċjeta' attriċi rċeviet il-ħlas ta' dan l-ammont fit-22 ta' Diċembru 2020 ("*Paid in full*").

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qiegħda tirreklama, f'din l-azzjoni, mhux il-prezz tal-armar u kiri tal-iscaffolding fis-sit tal-konvenut, liema ħlas, kif ingħad diġa', ġie saldat u aċċettat minnha, iżda qiegħda titlob il-ħlas tad-danni li soffriet b'riżultat tal-ħsara kkaġunata

[6] Datat 7 ta' Settembru 2020.
[7] Dok. KV6, paġna 164 tal-atti tal-kawża.
[8] Dok. DM1.

fl-iscaffolding li hija kienet inkarigata tarma suċċessivament fuq is-sit. Tikkontendi li l-valur tal-ħsara fl-iscaffolding minħabba l-impatt tal-blat li waqa' fuqu matul it-tqattigħ tal-blat li kien qed isir fis-sit tal-konvenut, jammonta għal €14,443.90.

Is-soċjeta' attriċi tikkontendi li din it-tieni struttura li ġiet eretta, ukoll ġiet iddanneġġjata bil-biċċiet kbar tal-blat li kien qed jitqatta' mill-kuntrattur tal-iskavar fis-sit tal-konvenut – madankollu, din l-allegazzjoni m'hijiex sorretta mill-provi proċesswali u filwaqt li ġiet ukoll miċħuda mill-partijiet l-oħra[9], ma nġiebet ebda prova li turi li waqa' xi blat ieħor li ddanneġġja l-iscaffolding li kien ġie rinforzat. B'mod speċifiku, is-soċjeta' attriċi ma pprovdietx prospett tal-ħsarat li jiddistingwi bejn il-ħsarat ikkaġunati fl-ewwel struttura u dawk il-ħsarat li jappartjenu lill-istruttura kif rinforzata.

Illi qabel xejn għandha tiġi determinata l-eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Chircop li m'huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talba attriċi għall-ħlas tad-danni.

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba.

Tibda biex tosserva illi biex jigi stabilit jekk parti ċitata fil-ġudizzju hijiex leġittimu kontradittriċi tat-talba, trid neċessarjament tistħarreġ jekk mad-daqqa t'għajn il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li allegatament ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti, f'dan il-każ l-azzjoni għad-danni.

Fis-sentenza fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[10] deċiża fit-28 ta' Settembru 2016 il-Qorti qalet hekk:

---

[9] Il-konvenut Carmel Chricop saħaq fix-xhieda tiegħu illi qatt ma ġie mgħarraf li waqa' xi blat ieħor fil-proprjeta' tal-ġar u jew li l-iscaffolding il-ġdid ġie danneġġjat.
[10] Rik. Gur. Nru 700/14.

“*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:* ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*“In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*”

Kif kien diġa' ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**:

“*... b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*”

Il-prova li jeżisti rapport ġuridiku bejn il-kontradditturi di fronte għat-talba attriċi, tinkombi lill-attur li għandu l-oneru li jipprova b'mod sodisfaċjenti illi r-riżultat persegwit minnu bit-talba, ċioe' il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni, huwa msejjes fuq relazzjoni negozjali jew ġuridiku.

Fil-każ in diżamina, l-eżistenza ta' rapport ġuridiku bejn il-konvenut u s-soċjeta' attriċi hija manifesta: dan jikkonsisti fl-appalt mogħti mill-konvenut lill-istess soċjeta'

attriċi għall-armar u kiri ta' scaffolding, u l-fatt illi l-ħsara mġarrab f'dan l-iscaffolding saret b'konsegwenza tat-tqattigħ tal-blat li kien qed jiġi eżegwit fis-sit tal-konvenut innifsu. Dan inissel rapport ġuridiku ċar u innegabbli bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut li evidentement, kellu sehem materjali fil-fatti li fuqhom tinsab imsejsa it-talba attriċi fir-Rikors. Konsgewentement, billi huwa evidenti li l-konvenut Carmel Chircop huwa persuna idonea biex twieġeb għat-talba għall-ħlas tad-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi fl-iscaffolding, ma jistax jingħad li ġie mħarrek ħażin u li m'huwiex leġittimu kontradittur tat-talba fir-Rikors.

B'daqshekk, madanakollu, ma jfissirx li l-konvenut Carmel Chircop għandu jwieġeb għat-talba tal-attur fil-mertu għaliex il-materja tar-responsabbilita' għall-konvenut għall-ħlas tad-danni mitluba fir-Rikors, għandha tiġi epurata fl-indaġni dwar il-mertu, indaġni li f'azzjoni bħal din, għall-ħlas tad-danni akwiljani, trid tkun arġinata għad-determinazzjoni jekk il-konvenuti li ġew mħarrkin biex jirrispondu għad-danni, għandhomx it-tnejn jew xi ħadd minnhom, jitqiesu fi ħtija għall-ħsara subita mis-soċjeta' attriċi fl-iscaffolding li ramat fuq inkarigu tal-konvenut Carmel Chircop, b'riżultat tat-tqattigħ tal-blat li kien qed isir mis-soċjeta' imsejħa fil-kawża. Ukoll, għandu jiġi eżaminat jekk is-soċjeta' attriċi bħala l-persuna danneġġjata kkontribwixxietx għal, jew aċċettatx hi stess li ġġarrab, il-ħsara li effettivament ġarrbet. Kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ir-regola bażika enunċjata mill-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili fil-kamp tar-responsabbilita` akwiljana jew extra-kontrattwali, tobbliga lill-awtur tal-leżjoni li jirrizarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossia d-danni, ikkawżati b'egħmilu: "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Fis-sistema ġuridika tagħna, l-imġieba li tnissel responsabbilita' ċivili għad-danni hija riskontrabbli fid-*dolo* jew fil-*culpa*. Għal dak li jikkonċerna l-*culpa*, skont il-liġi ċivili tagħna din hija identifikabbli fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias*[11].

In materja ġie ritenut:-

[11] Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili.

"*Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib ħtija u responsabbilita fil-*kondotta *ta' ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza Ii tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.*"[12]

Applikat dawn il-prinċipji u insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tidentifika l-qofol tal-vertenza fid-determinazzjoni dwar jekk, ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi, xi ħadd mill-konvenuti mexiex bi traskuraġni f'egħmilu li b'konsegwenza tagħha ikkaġuna l-ħsara lamentata mis-soċjeta' attriċi fl-iscaffolding ipprovdut minnha. Din il-prova tinkombi lid-danneġġjat, f'dan il-każ is-soċjeta' attriċi.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi s-soċjeta' attriċi, li kif ingħad jispetta lilha l-oneru tal-prova tal-ħtija tal-konvenuti għad-danni subiti, ma ressqet ebda prova li l-konvenut jew il-kuntrattur imqabbad minnu, imxew b'mod negliġenti u traskurat u mhux bid-diliġenza u prudenza mistennija minn *bonus pater familias* fit-tqattigħ tal-blat fis-sit tal-istess konvenut. Il-Qorti fehmet illi x-xorta, kwantita' u għoli tal-blat fis-sit tal-konvenut kienu jikkostitwixxu sfida partikolari għat-tqattigħ tal-blat mingħajr ma jiġi kkawżat ebda dannu lill-fond attigwu.

Mill-provi jirriżulta illi għalkemm kien sar *Excavation Method Statement* biex jirregola l-metodu tal-iskavar b'mod li jitnaqqas kemm jista' jkun l-eventwalita' ta' ħsara lill-fond tal-ġar b'riżultat tat-tqattigħ tal-blat, il-kuntrattur tal-iskavar, kif intebaħ bil-fattizzi partikolari tal-blat li kellu jitqatta', konsistenti f'għadd ta' fissuri fil-blat,

[12] **David Brincat et v. Francis Sammut et** – konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17.2.2022.

ma kompliex iqatta' l-blat kif ġieb u laħaq iżda kien għarraf lill-Perit tal-proġett[13] li min-naħa tiegħu, emenda l-*Excavation Method Statement* biex jaħseb għal protezzjoni għall-fond tal-ġar kontra ħsarat minn blat li jista' jaqa' matul il-proċess tat-tqattigħ tal-blat. Dan billi ordna l-armar ta' struttura ta' scaffolding bħala protezzjoni kontra "*any debris falling in third party property and prevent damages"* u biddel il-metodu ta' tqattigħ tal-blat u l-inġenji li kellhom jintużaw mill-kuntrattur[14]. Jirriżulta wkoll illi l-kuntrattur tal-iskavar, għan-nom tal-konvenut, minnufih avviċina lis-soċjeta' attriċi biex tipprovdi u tarma l-iscaffolding meħtieġ.

Ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkonvinċi lill-Qorti li xi ħadd mill-konvenuti ma mexiex mal-*method statement* jew li l-kuntrattur Faceworks Limited ħadem b'mod negliġenti jew bl-użu ta' inġenji jew metodi mhux idonei differenti minn dawk ordnati mill-Perit tal-proġett. Fuq kollox, ma jirriżulta minn imkien li l-blata li kkaġunat il-ħsara fis-7 ta' Awwissu 2020 waqgħet mis-sit tal-konvenut għaliex il-kuntrattur tal-iskavar naqas milli jeżegwixxi t-tqattigħ tal-blat skont l-istruzzjonijiet tal-Perit jew b'mod negliġenti.

Stabbilit dan, il-Qorti diġa' tirravviża ostakolu għall-akkoljiment tat-talba għall-ħlas tad-danni akwiljani. Iżda, tqis li huwa wkoll meħtieġ, bħala parti integrali mill-indaġni tagħha dwar il-meritu tat-talba għall-ħlas tad-danni minħabba l-ħsarat subiti fl-iscaffolding, li jiġi determinat ukoll x'kien l-iskop tal-istruttura li ġiet imqabbda tarma s-soċjeta' attriċi u xi struzzjonjiet ingħatawlha meta ġiet imqabbda tarma l-istruttura – talanqas l-ewwel waħda. Dan qed jingħad ukoll għaliex jekk jirriżulta illi mill-istruzzjonijiet mogħtija jew minn dak li kien evidenti jew raġjonevolment magħruf, l-istess soċjeta' attriċi pprovdiet struttura li ma kienx idoneu għall-iskop li għalih ġiet ikkommissjonata, u jew kien prevedibbli li din sejra tiġi danneġġjata, allura ma jkollhiex jedd, la għall-ħlas tal-prezz tal-appalt, wisq inqas għal xi danni subiti[15].

---

[13] Il-Perit Kyle Vella, imqabbad mill-konvenut Carmel Chircop, xehed li l-kuntrattur "*tal-excavation beda jaħseb li kien hemm problemi fil-blat*" u kien għalhekk li ħejja method statement li jilqa' għal dawn il-problemi li ġew identifikati.
[14] Ara Dok. KV5, paġna 150 u 151 tal-atti tal-kawza.
[15] Fil-każ in diżamina, il-prezz tal-armar u kiri tal-iscaffolding ġie debitament imħallas u ma jifformax parti mill-pretensjoni għall-ħlas.

Din l-osservazzjoni tnissel żewġ konsiderazzjonijiet: (i) jekk l-istruttura li s-soċjeta' attriċi armat oriġinarjament fis-sit tal-konvenut kienetx tajba u idonea għall-iskop li għaliha ġiet ikkommissjonata, u (ii) jekk is-soċjeta' attriċi, konxja tal-fatt li l-iscaffolding kien meħtieġ biex iservi ta' protezzjoni għall-fond tat-terz kontra ħsara ikkaġonati mill-impatt ta' xi blat li jaqa' mis-sit tal-konvenut, u biex jilqa' hu stess għal dawn il-ħsarat, hijiex intitolata tirreklama l-ħlas tad-danni sofferti fl-iscaffolding minħabba l-istess ħsarat imġarrba b'riżultat tat-tqattigħ tal-blat.

Ikkunsidrat;

Illi b'rabta mal-ewwel konsiderazzjoni, is-soċjeta' attriċi tikkontendi illi l-istruzzjonijiet li kienet ingħatat mill-kuntrattur tat-tqattigħ, Faceworks Limited, kienu għall-armar ta' scaffolding biex jilqa' għal trabijiet u debris ta' ġebel żgħir li jista' jaqa' fil-proprjeta' tal-ġar, iżda mhux blat kbir bħal dak li waqa' fuq l-iscaffolding fis-7 ta' Awwissu 2020. Tikkontendi illi ħadd qatt ma basar li setgħet taqa' blata daqshekk kbira li kissret l-iscaffolding, liema blata żgur ma tistax titqies bħala debris.

Dan hu kontradett mill-konvenuti li jsostnu li l-perikolu li jaqa' blat imdaqqas fil-fond tal-ġar kien diġa' ġie identifikat qabel ġiet inkarigata s-soċjeta' attriċi biex tarma l-iscaffolding, u tabilħaqq l-iscaffolding kien meħtieġ biex jilqa' għall-ħsara mhux ta' trabijiet iżda ta' blat li seta' jaqa' waqt il-proċess tat-tqattigħ tal-blat. Ġie sottomess ukoll illi kieku l-iscaffolding kien intiż biex jilqa' biss jew prinċipalment it-trabijiet tat-tqattigħ tal-blat ma kienx ikun hemm bżonn li jiġi kkomissjonat u armat struttura kumplessa bħal dik li ġiet eretta mis-soċjeta' attriċi u xibka waħedha kienet tkun biżżejjed biex tilqa' għal trabijiet.

Il-Qorti rat l-atti u l-provi u ma tqisx li huwa verosimili u lanqas raġjonevoli l-verżjoni ta' Daniel Montebello li l-armar tal-iscaffolding kien intiż biex jipproteġi jilqa' biss għal trabijiet u ġebel żgħir li ġejjin mill-iskavar tas-sit tal-konvenut, u mhux ukoll

b'mod ġenerali biex jilqa' għall-ħsarat li setgħu jiġi kkaġunati lill-proprjeta' tal-ġar minħabba t-tqattigħ tal-blat.

Huwa evidenti li fiż-żmien meta kellu jiġi armat l-iscaffolding, is-sit kien qed jiġi skavat b'*heavy plant machinery*. Jirriżulta wkoll illi d-direttur tas-soċjeta' attriċi kien ispezzjona s-sit qabel qabel istalla l-iscaffolding u dan fil-prezenza tal-foreman ta' Faceworks Limited u għalhekk kien konxju tal-għoli u l-kwantita' ta' blat li kellu jiġi skavat u mqatta'. Għall-Qorti, il-fatt li l-kuntrattur kien jaf li kellu jitqatta' l-massa ta' blat[16] ifisser li seta' jobsor raġjonevolment li seta' jaqa' blat u mhux biss ġebel żgħir jew trab fis-sit tat-terz, u li dan kellu jilqa' għalih l-iscaffolding tiegħu stess.

Mix-xhieda tal-Perit Kyle Vella jirriżulta wkoll illi l-*Excavation Method Statement* oriġinali kien ġie emendat proprju għaliex kien ġie identifikat l-eżistenza ta' bosta fissuri fil-blat li minħabba fihom inqalgħet il-ħtieġa li jintrama scaffolding biex jilqa' għall-ħsarat li setgħu jiġu kkaġonati mit-tqattigħ tal-blat. Dawn il-fissuri kienu ġew identifikati wkoll mill-Perit Alfred Grech li kien mar fuq is-sit biex jispezzjona l-ħsara li seħħet fis-7 ta' Awwissu 2020: hu kien iddeskriva s-sit bħala "muntanja blat", li kienet ogħla mill-iscaffolding innifsu u xehed: "*meta qed taqta' l-blat, **jekk ikollok fissura u tkun qiegħda in the direct path, din taqa' u fil-fatt hekk ġara**, waqt li qiegħed iqatta', żelqet biċċa blata ġiet fuq l-iscaffolding u l-iscaffolding tgħawweġ.*"[17] Fil-fatt fis-survey report imħejji minnu wara li kien ispezzjona s-sit fil-21 ta' Awwissu 2020 fuq inkarigu tal-kumpannija tal-assigurazzjoni ta' Faceworks Limited[18], kiteb hekk: "*although the rock is fairly hard, it is relatively fissured, **therefore the possibility of a boulder coming loose and falling off is quite probable***."[19]

Iktar minn hekk, il-Perit Kyle Vella kien skjett u konklussiv meta wieġeb fl-affermattiv għad-domanda tal-Qorti jekk setax jiġi antiċipat li jaqa' l-blat waqt il-

---

[16] Ara Dok. AG1: '*solid rock outcrop*'. "*Kważi tibża' minnha taraha*": xhieda tal-Perit Alfred Grech.
[17] Xhieda tas-26 ta' Settembru 2022 - enfasi tal-Qorti.
[18] Paġna 72 tal-atti tal-kawża: spezzjoni li nżammet wara l-iscaffolding ġarrab il-ħsara fis-7 ta' Awwissu 2020.
[19] Enfasi tal-Qorti.

proċess tat-tqattigħ, minħabba l-fissuri, u xehed illi kien tabilħaqq għalhekk li kien iddeċieda li jiġi armat scaffolding biex jilqa' għal kull qies ta' blat li seta' jaqa'.

Kuntrarjament għal dak li ġie argomentat għas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tqis ukoll li t-tifsira tal-kelma 'debris' żgur li m'hijiex limitata għal żrar jew ġebel żgħir kif ġie argomentat għas-soċjeta' attriċi. Barra dan il-fatt illi biex jilqa' għal trabijiet, l-iscaffolding ma kellux bżonn struttura kumplessa u wiesa' bħal dik li ġie armat.

Kif taraha l-Qorti, il-perikolu ta' debris jaqa' fis-sit tat-terz kien prevedibbli mill-bidu, iżda in segwitu, meta ġie riskontrat numru ta' fissuri fil-blat u kien għad fadal ħafna iktar blat x'jitqatta', ġie identifikat perikolu iktar elevat mis-sempliċi titjir ta' ġebel żgħir u trab, liema perikolu kien ġie deċiż li kien jinneċessita forma ta' lqugħ jew struttura biex tilqa' għal xi blat li jista' jaqa' fis-sit u konsegwentement, jipproteġi lill-fond tal-ġar mill-ħsara.

Kollox magħdud, il-Qorti ma tistax temmen lid-direttur tas-soċjeta' attriċi li huwa kien ingħata struzzjonijiet biex jarma scaffolding biex jilqa' biss it-trab, meta r-riskju ta' blat jaqa' matul il-proċess tal-iskavar ta' 'muntanja ta' blat' kien diġa' identifikat bħala riskju reali, sija mill-kuntrattur tal-iskavar u sija wkoll mill-Perit tal-proġett li kien ipprovda għall-mitigazzjoni ta' dan ir-riskju billi emenda l-*Excavation Method Statement* biex jaħseb speċifikatament għall-istallazzjoni ta' scaffolding li tabilħaqq kellu jservi bħala lqugħ kontra l-waqgħa ta' blat fis-sit adjaċenti.

Jikkonsegwi minn dan kollu illi r-riskju li l-blat jinqata' u jagħmel ħsara lill-fond tal-ġar kien diġa identifikat b'mod konkret u speċifiku qabel l-istallazzjoni tal-iscaffolding, u kien sewwasew minħabba din l-eventwalita' li ġie kkommissjonat l-istallazzjoni tal-iscaffolding biex il-fond tal-ġar ikun protett kontra l-konsegwenzi ta' din l-eventwalita'. Dan jimmina mhux ftit l-allegazzjoni ta' Daniel Montebello fix-xhieda tiegħu, li ma kienx dehrlu li kien hemm perikolu ta' blat li seta' jaqa', u "*Lanqas ħadd qatt ma basru li ha tinqata' dik il-blata*".

Din il-konklużjoni hija msaħħa ulterjorment mill-fatt illi ma jirriżultax illi b'effett tal-ħsara li seħħet fis-7 ta' Awwissu 2020, meta waqgħet il-blata li danneġġjat l-iscaffolding u kkaġonat ħsara fil-proprjeta' tal-ġar, kien inbidel il-metodu tat-tqattigħ tal-blat jew l-iskop tal-iscaffolding. Lanqas jidher li ġew identifikati riskji iktar elevati b'rabta mal-kwantita' jew daqs tal-blat li seta' jaqa' fis-sit tal-ġar.

**Kif taraha l-Qorti, il-fatt illi l-iscaffolding kellu jiġi rinforzat biex jilqa' b'mod adegwat il-blat li jaqa' waqt il-proċess tat-tqattigħ, u dan billi jiġi estiż u jiżdiedu piżijiet fuqu, ma jfisser xejn ħlief illi l-armatura oriġinali ma kienetx idonea u b'saħħitha biżżejjed biex jilqa' għall-istess riskju ta' ħsara li diġa' kien eżistenti meta ntrama l-ewwel scaffolding.**

Hawnhekk għandu jiġi osservat ukoll li oriġinarjament, il-Perit tal-proġett kien ta struzzjonjiet biex l-iscaffolding ikun mirfud fil-blat – u dan jirriżulta wkoll minn messaġġ li ntbagħat minn Daniel Montebello lil Etienne Mallia fid-29 ta' Lulju 2020[20]. Madankollu, hu stabbilit mill-provi li dan ma kienx sar u minflok, l-iscaffolding kien ġie sempliċement impoġġi mal-massa tal-blat li kien qed jiġi mqatta', mingħajr ma ntrabat jew intrifed. Fil-fehma tal-Qorti, ir-rekwiżit li l-iscaffolding jiġi '*bolted*' mal-blat ma kienx jiġi impost kieku verament l-iscaffolding kien intiż biex jilqa' għal trabijiet u żrar biss u mhux ukoll għall-eventwalita' ta' blat iktar imdaqqas jaqa' mis-sit għal ġol-fond tal-ġar.

Il-Perit Kyle Vella fix-xhieda tiegħu ikkonferma:-

"*... dejjem kien il-ħsieb billi konna naraw li l-blat huwa maqsum, li jiġi bboltjat mal-blat ta' ġewwa, nagħmlu scaffolding biex jekk jaqa' xi blat ma nagħmlux ħsara kemm jista' jkun u jiġi bboltjat sew biex l-iscaffolding iżomm bħala butress għal dan il-blat*

[20] Dok. EM1. Ma ġiex kontestat minn Daniel Montebello li dan il-messaġġ tassew kien bagħtu lil Etienne Mallia iżda jikkontendi li dan il-messaġġ jirriferi għal stima li ngħatat fuq appalt ieħor f'sit differenti. Madankollu, il-Qorti tosserva li dan il-messaġġ intbagħat fl-istess ġurnata fejn il-Perit tal-proġett għarraf lil Etienne Mallia li kellu jiġi armat scaffolding fuq is-sit ta' Carmel Chircop, u huwa konsistenti wkoll max-xhieda ta' Carmel Chircop (20 ta' Novembru 2023) li Etienne Mallia kien infurmah li l-istima tal-ewwel scaffolding kienet ta' €5,000.

*jekk jaqa' xi blat, ma l-ewwel scaffolding ma saritx.... l-idea kienet li jekk tinżel xi blata kif ġara... ma jkunx hemm ħsara kemm jista' jkun għand il-ġar*"[21].

B'żieda ma' dan, jiġi osservat illi bħala l-persuna kompetenti li pprovdiet u ramat l-iscaffolding, is-soċjeta' attriċi kellha l-obbligu statutorju[22] li tikseb u tipprovdi ċertifikazzjoni li l-iscaffolding bħala tajjeb u sigur għall-użu[23], u dan qabel l-iscaffolding jibda jintuża għall-iskop li għalih ġie armat. Tajjeb li jiġi osservat illi l-obbligu ta' ċertifikazzjoni tal-iscaffolding huwa wieħed assolut, għaliex il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni għall-fini ta' ċertifikazzjoni abbażi tal-iskop li għalih ikun ser jintuża l-iscaffolding. Iżda, is-soċjeta' attriċi naqset milli tipprovdi din iċ-ċertifikazzjoni meta istallat l-istruttura oriġinali fis-sit tal-konvenut għaliex huwa stabbilit mill-provi li hija qabbdet inġinier biex jiċċertifika l-piż li seta' jilqa' l-iscaffolding, biss meta ġiet biex tirrinforzah wara l-ħsara li ġarrab fis-7 ta' Awwissu 2020[24].

Illi dan kollu magħdud ifisser li s-soċjeta' attriċi pprovdiet u armat scaffolding li ma kienx idoneu għall-użu u l-iskop li għalih kellu jservi. Anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li s-soċjeta' attriċi ingħatat struzzjonijiet biex tarma scaffolding li kellu jilqa' biss għal trabijiet u żrar, jew biex tarma l-iscaffolding fuq biċċa art dejqa fejn allura kien hemm limitazzjonijiet dwar kemm setgħet tkun wiesa' l-istruttura, messha irrifjutat l-appalt jew insistiet li tarma struttura li tiflaħ għall-eventwalitajiet kollha, u mhux tarma struttura fqira li kienet sejra inevitabbilment issofri l-ħsara u ma tilqax b'mod effettiv il-ħsarat fil-proprjeta' tat-terz, u mbagħad titlob id-danni.

Huwa prinċipju stabbilit illi l-kuntrattur imqabbad biex jagħmel biċċa xogħol għandu qabel xejn jispezzjona l-ħtiġiet tal-appalt u jipprovdi xogħol li jkun adatt u li jilqa'

---

[21] Xhieda tal-4 ta' April 2023.
[22] Skeda IV Parti B Sezzjoni II tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 436.36.
[23] Ukoll, ir-regolament 5.16 tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.35 jiddisponi: *The dimensions, form and layout of scaffolding decks must be appropriate to the nature of the work to be performed and suitable for the loads to be carried and permit work and passage in safety*.
[24] Dan ġie ammess minn Daniel Montebello fil-kontro-eżami.

għall-kumplessitajiet tal-każ u li jkun idoneu għall-iskop li għalih ġie mqabbad, u għandu l-obbligu wkoll li ma jagħmilx xogħol inutili.

In materja ta' appalt, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Novembru 2012 irriteniet hekk in propositu:-

"*Min iwettaq bicca xoghol li ghaliha jkun gie inkarigat ghandu obbligu jaghti rizultat tajjeb u ta' vantagg ghall-klijent, u jekk jonqos li jaghti dan ir-rizultat, huwa jkun responsabbli ghad-danni, u la jista' jwahhal fl-ghodda, la fil-materjal li juza', la fl-intromessjoni tal-klijent u lanqas fl-istat jew il-kundizzjoni tax-xoghol preparatorju li fuqu jkun irid iwettaq ix-xoghol tieghu. L-appaltatur ghandu obbligu li jwettaq xoghol li jaghti rizultat konformi mal-htigijiet tal-klijent, u ghandu jirrifjuta jwettaq xoghol li jaf jew li messu kien jaf, mhux se jaghti rizultat utili.*"[25]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin v. Moira Agius**, deċiża fis-6 ta' Ottubru 2004, intqal hekk in materja tar-responsabbilita` tal-appaltatur:-

*"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (***Kollez Vol XXVII pI p373***). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (***Kollez Vol XL pI p485***).*

*"It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (***Kollez. Vol XXXVII pIII p883***). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem" (***Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe***", Appell*

[25] **Coleiro Yacht Finishes Limited vs Easysell Kia (Malta) Limited**, deciza 9 ta' Novembru 2012.

*Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pl p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skont l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent."*

Fis-sentenzi **John Borg et vs Emanuel Galea et**[26] u **Grima et v. Grech**[27], intqal hekk fir-rigward tal-obbligi ta' appaltatur:-

*"...l-obbligu li jaghti xoghol tajjeb kien jimponi fuqu l-obbligu li huwa jikkontrolla sew ix-xoghol li jkun qed jaghmel, jirrileva dawk il-fatturi li kapaci 'l quddiem jikkompromettu l-opra tieghu u, okkorrendo, jaghmel ix-xoghol rettifikatorju opportun."*

Il-prinċipju fondamentali li jemerġi mill-insenjament in materja, appena ċitat, huwa illi min iwettaq biċċa xogħol li għaliha jkun gie inkarigat, għandu obbligu jagħti riżultat tajjeb u ta' vantaġġ għall-kommittent cioe` riżultat li huwa konformi mal-ħtiġijiet tal-istess klijent u li jiggarantixxi l-bonta` tax-xogħol tiegħu, b'dan illi jekk jonqos li jagħti dan ir-riżultat, huwa mhux biss ma jkunx intitolat jesiġi l-ħlas izda jkun ukoll responsabbli għad-danni.

Applikat dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tqis illi huwa stabbilit li s-soċjeta' attriċi kienet taf in-natura tax-xogħol li kien qed jiġi eżegwit fis-sit, ċioe' skavar u tqattigħ ta' massa ta' blat li fih għoli ta' żewġ sulari, b'makkinarju tat-tħaffir. Għaldaqstant, anke jekk ma kienetx ingħatat struzzjonjiet speċifiċi biex tarma scaffolding b'saħħa biżżejjed biex jilqa' għal blat imdaqqas li jista' jtir fil-proċess ta' tħaffir għal ġewwa l-proprjeta' tat-terz, is-soċjeta' attriċi, **l-espert fil-mestier tal-armar ta' scaffolding**, messha kienet taf li l-iscaffolding ma setax jaqdi l-iskop intiż tiegħu, ċioe' li jipproteġi kontra xi ħsara li seta' jiġi kaġonat lill-proprjeta' tal-ġar, wisq inqas seta' jaqdi dan l-iskop mingħajr l-istruttura nnifisha ġġarrab ħsarat hi stess. Konsegwentement, stabbilit ukoll li l-proprjeta' tal-ġar xorta waħda ġarrbet il-ħsara

---

[26] Appell Civili deciz 19 ta' Mejju 2009.

[27] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2010,

meta waqgħet il-blata fuq l-iscaffolding, hija l-fehma tal-Qorti li s-soċjeta' attriċi m'hijiex intitolata tirreklama d-danni kkaġonati lill-istruttura li hija pprovdiet u armat ħażin u b'mod mhux idoneu.

Iżda f'kull każ, jekk għal mument kellu jiġi aċċettat bħala veritera l-verżjoni ta' Daniel Montebello li kellu struzzjonijiet biex jarma scaffolding biex biss jilqa' trabijiet u debris konsistenti f'ġebel żgħir u żrar, wieħed kien jistenna li s-soċjeta' attriċi kienet titlob il-ħlas tal-valur tal-ħsarat ikkaġunati fl-iscaffolding, meta ġiet biex titlob il-ħlas ta' €5,000 addizzjonali biex tirrinforza l-istruttura tal-iscaffolding wara l-inċident (meta l-ħadid mgħawweġ u ħsara oħra kien evidenti), jew talanqas tirriżerva d-dritt għall-ħlas ulterjuri rappreżentanti d-danni sofferti. Iżda s-soċjeta' attriċi dan m'għamlitux u dan in-nuqqas ikompli jikkonvinċi lill-Qorti illi s-soċjeta' attriċi kienet taf illi l-iscaffolding ma kienx idoneu għall-iskop li għalih ġie kommissjonat (u/jew li kellu neċessarjament iġarrab xi qies ta' ħsara). Biex waslet għal din il-fehma il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi l-iscaffolding orġinarjament armat mis-soċjeta' attriċi ma kienx iżżarma wara li waqgħet il-blata, iżda ntużat l-istess struttura li ġiet rinforzata billi żdiedet il-wisa' tagħha.

Iktar minn hekk, il-fatt li s-soċjeta' attriċi aċċettat mingħand il-konvenut il-ħlas tal-prezz għall-kiri u l-armar tal-iscaffolding fis-somma ta' €10,000 u kkonfermat fit-22 ta' Diċembru 2020 li din is-somma kienet "*paid in full*", mingħajr ebda riżerva dwar danni u ħsarat fl-iscaffolding, u dan meta l-ħsara kienet diġa' saret u kienet evidenti minnufih[28], u meta, fuq kollox, is-soċjeta' attriċi kienet diġa' konsapevoli tal-valur tal-ħsara li kien ġie kwantifikat mill-Perit Alfred Grech wara li kien ispezzjona l-iscaffolding fuq is-sit wara l-inċident tas-7 ta' Awwissu 2020.

Ikkunsidrat;

It-tieni konsiderazzjoni hija marbuta ma' prinċipju ieħor importanti tal-liġi tar-responsabbilita' ċivili għad-danni, ċioe' li min jaċċetta volontarjament li jassumi riskju

[28] Dan ġie konfermat ukoll mill-Perit Kyle Vella fix-xhieda tiegħu, 22 ta' Jannar 2024.

ma jistax imbagħad jirreklama d-danni b'kumpens għall-ħsarat li jkun ġarrab b'riżultat ta' dak l-egħmil riskjuż.

Kif diġa' ġie stabbilit, is-soċjeta' attriċi kienet taf bix-xogħol ta' skavar u tqattigħ tal-blat li kien qed isir bl-inġenji fis-sit tal-konvenut, sit li jikkonsisti f'massa ta' blat żewġ sulari ogħla mill-fond attigwu ta' terzi.  F'ċirkostanzi normali, ir-riskju li jaqa' l-blat matul it-tħaffir tal-blat bl-inġenji fuq l-iscaffolding ipprovdut minnhha, kien ikun raġjonevolment prevedibbli[29].  Iżda meta l-iscaffolding ġie kkommissjonat sewwasew biex jilqa' għall-blat li jista' jaqa' waqt il-proċess tat-tħaffir u tqattigħ ta' massa ta' blat li jinsab f'livell ta' sitt metri ogħla mill-fond tal-ġar, u biex iservi ta' lqugħ għall-protezzjoni tal-proprjeta' tat-terz minn ħsara li tiġi kkaġonata mit-tqattigħ ta' dan il-blat, ir-riskju ta' ħsara lill-iscaffolding armat minnha ma baqax biss riskju prevedibbli iżda riskju previst u kważi inevitabbli.

Għall-Qorti huwa ovvju illi jekk scaffolding ser jiġi armat biex iservi bħala lqugħ biex ma jsirux ħsarat fil-proprjeta' tal-ġar, l-iscaffolding innifsu kellu neċessarjament iġarrab il-ħsara biex din ma ssirx lill-proprjeta' tal-ġar.

Konformement ma' dan u applikati l-prinċipji li jemerġu mill-insenjament ġuridiku ċitat iktar qabel, hija l-fehma tal-Qorti li s-soċjeta' attriċi, fiċ-ċirkostanzi, jew ma kellhiex taċċetta mill-bidu li tarma l-iscaffolding tagħha biex iservi ta' lqugħ u b'hekk iġarrab il-ħsara billi titgħawweġ jew titkisser, jew inkella kellha taħseb għall-ħsara li kien sejjer kważi inevitabbilment jiġi kkawżat fl-iscaffolding, billi tistabbilixxi minn qabel prezz li jieħu in konsiderazzjoni l-probabbilita' ta' ħsara, b'żieda mal-prezz tal-armar u kiri tal-iscaffolding.

**Din il-fehma ġiet affermata mill-Perit Alfred Grech li fix-xhieda tiegħu[30] iddeskriva l-iscaffolding li ġie armat mis-soċjeta' attriċi bħala "*a sacrificial***

---

[29] Daniel Montebello xehed li l-ftehim kien *"Li narma l-iscaffolding bħala protection imma mhux li jitkisser u ma jintuża xejn ... biex ma jaqax trabijiet u ġebel żgħir għand terza persuna"*.

[30] Xhieda tas-26 ta' Settembru 2022.

***scaffolding*" li kellu jservi ta' lqugħ biex jilqa' l-blat li seta' jaqa', biex ma ssirx ħsara lill-proprjeta' tal-ġar jew jitnaqqas il-ħsara li tista' ssir b'konsegwenza tat-tqattigħ tal-blat. Xehed ukoll illi biex jilqa' dan kollu, l-iscaffolding ikollu neċessarjament jitgħawweġ u jsir ħsara lilu minflok ħsara lill-ġar**[31].

Fis-sentenza tat-12 ta' Marzu, 2012, fil-kawża fl-ismijiet **David Gathergood vs Anchor Bay Leisures Limited et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili elenkat ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex tirnexxi id-difiża *volenti non fit iniuria*:-

"*Il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibbiltà tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għamil tal-parti l-oħra.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Zammit vs Maltapost p.l.c.**[32], il-Qorti ikkwotat l-awtur Ingliż Charlesworth fil-ktieb "The Law of Negligence"[33] li għar-rigward tal-prinċipju *volenti non fit iniuria*, jgħid:-

"*A person who makes an agreement with another either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run.*"

Fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Manfred Alamango v. Victor Agius,** deċiża fil-11 ta' Marzu 2015, saret riferenza għal dak li jikkummentaw l-awturi Catherine Elliot u Frances Quinn b'rabta mal-prinċipju in diżamina:-

[31] Xhieda 4 ta' Mejju 2023.
[32] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Mejju 2011.
[33] 5th Ed. p. 364.

"*This Latin phrase means 'no injury can be done to a willing person', and describes a defence which applies where the claimant has in some way consented to what was done by the defendant, on the basis that in giving consent the claimant was voluntarily taking the risk of harm…Unlike contributory negligence, it is a complete defence, rather than a means of reducing damages: if the claimant consented, the defendant is not liable at all*".

Applikat dan il-prinċipju għall-fattispeċje tal-każ in diżamina kif joħorġu mill-atti u mill-provi, il-Qorti tqis illi s-soċjeta' attriċi ma tista' qatt tirnexxi fl-azzjoni tagħha għad-danni kontra l-konvenuti: hija volontarjament assumiet ir-riskju li ġġarrab ħsarat fl-iscaffolding minnha pprovdut sewwasew għall-iskop li jilqa' għall-ħsara li kienet sejra tiġi kkawżata lill-proprjeta' ta' terzi bil-blat li seta' jaqa' mis-sit tal-konvenut waqt il-proċess ta' skavar u tqattigħ tal-istess blat. Dan ma kienx xi event fortuwitu, għaliex huwa abbundantement ippruvat illi l-eventwalita' ta' xi blat - anke blata tad-daqs li waqgħet fis-7 ta' Awwissu 2020 - jaqa' fil-proprjeta' tal-ġar waqt il-proċess tat-tqattigħ minħabba l-presenza ta' fissuri fil-blat, kienet waħda probabbli li kienet diġa' identifikata preventivament, u kienet sewwasew il-fattur li minħabba fih ġie kkommissjonat l-appalt tal-fornitura u istallazzjoni tal-iscaffolding fuq is-sit.

**Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi mhux biss ma seħħilhiex tipprova kif imiss il-ħtija tal-konvenuti jew xi ħadd minnhom għad-danni li ġarrbet fl-iscaffolding li forniet u armat fis-sit tal-konvenut, talli ipprovdiet scaffolding li ma kienx idoneu għall-iskop li għalih ġie kkommissjonat, u fuq kollox, aċċettat volontarjament li tarma l-iscaffolding f'ċirkostanzi li fihom l-eventwalita' ta' ħsara lill-istess scaffolding kienet tabilħaqq tikkostitwixxi l-iskop li għalih ġie armat u kwindi wkoll, prevista**.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut Carmel Chircop huwa l-leġittimu kontradittur tat-talba fir-Rikors u tiċħad għalhekk l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tiegħu iżda tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet u tilqa' wkoll l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tas-soċjeta' Faceworks Limited, biss safejn dawn**

**huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talba ta' SSL SCAFFOLDING LIMITED fir-Rikors promotur, bl-ispejjez ikunu a kariku tal-istess soċjeta' attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**